**MUDELL TA' L-EWWEL KARTA GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-EDUKAZZJONI FIL-LIVELL ĊES/SEC TA' L-UNIVERSITÀ TA' MALTA**

MUDELL NUMRU: **1**

TITLU TAL-MUDELL: **ATSINN! ATSINN!**

ISEM L-ISTUDENT: ______________________________

KIF MORT! (AWTOASSESSJAR)

Wara li ħdimt dan it-taħriġ u ġie kkoreġut, skoprejt li f'dak li huwa Malti, il-livell tiegħi huwa kif jidher f'din il-gradilja. (Qiegħed il-marki li ġġib fil-kaxxi tal-gradilja.)

| | | Marki | Tajjeb ħafna | Tajjeb | Dgħajjef |
|---|---|---|---|---|---|
| A | Fehim it-Test | 12 | | | |
| B | Għarfien il-Lingwa | 30 | | | |
| Ċ | L-Aspett Simboliku fl-Isfond Lingwistiku Kulturali | 8 | | | |
| D | Ħiliet fil-Malti Komunikattiv | 10 | | | |
| E | Komponiment | 25 | | | |

Total: / 85

Kummenti mill-istudent/a:

______________________________

______________________________

Firma: ______________________________

Kummenti mill-għalliem/a / ġenituri / oħrajn:

______________________________

______________________________

Firma: ______________________________

**L-EWWEL KARTA**

**TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ**

*Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha:*

# Atsinn! Atsinn!

Diġà bdejna nisimgħu, avolja t-temp ma tantx kien kiefer, *atsinn* minn hemm u *atsinn* minn hawn! Ta' min jgħid hawn mill-ewwel hux, li għandna nkunu edukati fl-għatis. Għax bl-għatis jixxerred il-mard, tinfirex l-influwenza, li għal xi wħud tkun qawwija ż-żejjed. *(par. 1)*

Qabel il-gwerra kont tara *poster: Coughs and Sneezes spread Diseases* – sogħla u għatis ixerrdu l-mard. Kienu *posters* uffiċjali maħruġa mill-Uffiċċju tas-Saħħa, dak iż-żmien. Imma kont tara minnhom fi stabbilimenti tas-servizzi wkoll. *(par.2)*

Imma, qed ngħid taf! Aħna l-Maltin, naqra ta' tikka, hawn bejn l-Afrika u l-Ewropa, niftaħru, u bir-raġun, li għandna lingwa, ilsien, ilsien għalina, li jġagħlek tistagħġeb meta taf kemm aħna qrib tant ilsna madwarna u żammejna tagħna. U hekk l-*atsinn*! Ma nafx jekk hawnx nazzjon fid-dinja li jagħtas bħalna – irrid ngħid bil-ħoss tagħna. Hawn Maltin li veru ma toħroġilhomx *atsinn!* perfetta. Imma hemm qiegħda l-bażi tal-ħoss. *(par.3)*

Ma nafx jekk hemmx xi konnessjoni. Imma meta kont tifel, il-platti tal-banda kienu jsejħulhom iż-*żinżinnati*. Forsi hemm xi tixbiħ ma' dik *iż-żinn* tal-platti tal-banda mal-ħoss li nagħmlu meta nagħtsu? Imma jien nara l-kelma *atsinn* miktuba tixbaħ ħafna lill-ħoss li nagħmlu meta nagħtsu. *(par.4)*

George Eliot tara l-għatisa bħal ħaġa jew *kundizzjoni li fiha l-aktar persuna maestuża hija obbligata li tagħtas.* Fi ftit kliem, l-għatisa ġġib lil kull kreatura tad-dinja, suġġetta ndaqs. Fqir u sinjur. Għoli u baxx. Għatisa ma tistax taħrab minnha. U hawn min jagħtas darba, tnejn. Imma hawn min jagħtas għadd kbir. *(par.5)*

U għandha tkun l-għatisa hija ħaġa li tinteressa anke mħuħ kbar. Aristotile jgħid li ħadd ma jagħtas meta jkun rieqed. Ippokrate qalilna, mijiet ta' snin ilu wkoll, li min jaqbdu s-sulluzzu ma għandu jagħmel xejn ħlief li jibda jagħrax imnieħru b'xi tentuxa, u jibda jagħtas u b'hekk imurlu s-sulluzzu. *(par.6)*

L-aħħar waħda fuq l-għatis: m'hawnx kreatura fid-dinja li rat lilha nnifisha tagħtas. Bilfors ikollok tagħlaq għajnejk meta tagħtas. *(par.7)*

*(Minn kitba ta' Charles Clews: **IL-ĦADD** magazin ta' It-Torċa 24.11.96)*

**A. FEHIM IT-TEST** ***(12-il marka)***

1. Xi jrid ifisser l-awtur meta jgħid: *it-temp ma tantx kien kiefer*? *(par.1)*

   ______________________________ **(marka)**

2. Għal min qed jirreferi l-awtur bil-frażi: *għandna nkunu edukati*? *(par.1)*

   ______________________________ **(marka)**

3. Għaliex għandna nkunu edukati fl-għatis? *(par.1)*

   ______________________________ **(marka)**

4. Għaliex l-awtur jgħid: *dak iż-żmien*, għall-Uffiċċju tas-Saħħa? *(par.2)*

   ______________________________ **(marka)**

5. X'setgħu kienu l-*istabbilimenti tas-servizzi* li jissemmew? *(par.2)*

   ______________________________ **(marka)**

6. Semmi ż-żewġ raġunijiet għala l-awtur jistagħġeb li għandna lsien għalina? *(par.3)*

   ______________________________

   ______________________________ **(2 marki)**

7. Meta taqħti kas ta' dak li jingħad fit-tieni paragrafu, il-frażi: *meta kont tifel (par.4)* għalik illum tqisha bħala:
   - ilha ħafna ☐
   - hekk u hekk ☐
   - reċenti? ☐

   **(marka)**

8. Min hu suġġett għall-għatis? *(par.5)*

   ______________________________ **(marka)**

9. Agħti fi kliemek ir-rimedju għas-sulluzzu li jissemma fis-silta. *(par.6)*

   ______________________________ **(marka)**

10. X'tista' tkun it-*tentuxa* li tissemma? *(par.6)*

    ______________________________ **(marka)**

11. Aristotile u Ippokrate huma deskritti bħala *imħuħ kbar (par.6)*. Fisser.

    ______________________________ **(marka)**

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA *(30 marka)*

### GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. F'liema forma grammatikali jinsabu fis-silta l-kliem li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| a. | ż-żejjed *(par.1)* | |
| b. | maħruġa *(par.2)* | |
| ċ. | bejn *(par.3)* | |
| d. | rieqed *(par.6)* | |

**(4 marki)**

2. F'liema forma qegħdin dawn il-verbi:

| | | |
|---|---|---|
| a. | bdejna | |
| b. | tinfirex | |
| ċ. | tistagħġeb | |
| d. | tagħlaq | |

**(4 marki)**

3. Sib mis-silta verb fin-negattiv: ______________________________ **(marka)**

4. Qiegħed fl-istat kostrutt dawn il-frażijiet:

a. l-ilsien tal-Maltin: ______________________________

b. it-tifel tal-ġara: ______________________________

ċ. l-imnieħer tas-saħħara: ______________________________

**(3 marki)**

5. Ikkonjuga dawn il-verbi kif indikat:

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | ixerrdu | | It-Tielet Persuna Singular Femminil, Perfett, 8 Forma |
| b. | jagħtas | | It-Tieni Persuna Plural, Perfett, 1 Forma |

**(2 marki)**